**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/056 |
| **Allegazzjoni:** | Diskussjoni ma' membru tal-ġudikatura dwar l-għoti ta' sentenzi mingħajr ma ġiet segwita proċedura formali |
| **Ilmentaturi:** | Il-Prof. Arnold Cassola (l-ewwel ilment)<br>L-Għaqda Studenti tal-Liġi (it-tieni ilment) |
| **Data tal-Ilmenti:** | 31 ta' Jannar 2023 (l-ewwel ilment)<br>22 ta' Frar 2023 (it-tieni ilment) |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 26 ta' Lulju 2024 |

**L-Ilmenti**

*L-Ewwel Ilment*

1. Fil-31 ta' Jannar 2023, il-Professur Arnold Cassola (l-Ewwel Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju sabiex jitlob investigazzjoni tal-Prim Ministru Robert Abela talli kellu konverżazzjoni privata ma' maġistrat dwar il-pieni mogħtija mill-qrati. Il-Prof. Cassola qal "*Il-liġi Maltija tipprojbixxi kull komunikazzjoni privata mal-ġudikatura dwar proċedimenti fil-qorti. Kull komunikazzjoni għandha ssir uffiċjalment, u tramite l-Prim Imħallef anki skont il-kodiċi ta' etika tal-ġudikatura, art. 26*."

2. Dan l-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**.

*It-Tieni Ilment*

3. Fit-22 ta' Frar 2023, is-Sur Andrew Sciberras u s-Sur Andrew Drago kitbu lil dan l-Uffiċċju f'isem l-Għaqda Studenti tal-Liġi (GħSL) sabiex jitolbu investigazzjoni dwar l-istess materja. Huma qalu:

*Illi bħala avukat, il-Prim Ministru jaf ben tajjeb il-Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti li tipprovdi f'Regola 26 illi "l-Ġudikanti ma għandhomx jikkomunikaw privatament ma' membri tal-eżekuttiv dwar kwalunkwe suġġett li għandu x'jaqsam mad-doveri u l-funzjonijiet tagħhom jekk mhux bl-intervent jew wara konsultazzjoni espressa mal-Maġistrat l-aktar anzjan u/jew mal-Prim Imħallef."*

*Aħna m'aħniex infurmati li l-Maġistrat in kwistjoni ġab dal-permess, u għalhekk bid-diskors li l-Prim Ministru kellu mal-Maġistrat in kwistjoni, injora l-provvedimenti tal-Kodiċi ta' Etika Għall-Ġudikanti, li wkoll hija leżjoni tar-regola 5.8 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari għaliex naqas milli jirrispetta l-integrità tal-ġudikatura.*

4. Dan l-ilment huwa anness bħala d-**Dokument B**.

5. Fl-ittra tagħha, l-GĦSL ilmentat ukoll dwar il-kummenti tal-Prim Ministru fuq każ partikolari (dak tal-qtil tas-Sinjura Pelin Kaya). Din il-materja ġiet trattata separatament minn dan l-Uffiċċju permezz tar-rapport dwar il-każ K/057, maħruġ fl-4 ta' Marzu 2024.[1]

**Il-Kuntest**

6. Il-każ taħt konsiderazzjoni hawn inqala' meta l-Onor. Prim Ministru kien qed jitkellem f'attività politika nhar il-Ħadd 29 ta' Jannar 2023. Fis-silta relevanti tad-diskors tiegħu, il-Prim Ministru qal:

*Din il-ġimgħa kelli okkażjoni nitkellem ma' maġistrat, li qaltli vera, il-qafas tal-liġijiet preżenti jippermettilna illi nistgħu nagħtu pieni baxxi jew pieni għoljin għar-reat partikolari, imma r-realtà turina illi meta nagħtu piena għolja, allavolja l-liġi tippermettilna li nagħtu piena għolja, imbagħad jappellawlek, imorru quddiem il-Qorti tal-Appell, u ċ-ċansijiet huma li l-Qorti tal-Appell tnaqqaslek il-piena għaliex hemm policies jew hemm sentenzi passati illi jimmilitaw illi l-piena ma tkunx daqshekk għolja.*

7. Fit-30 ta' Jannar 2023, l-Ewwel Ilmentatur għamel talba taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni sabiex isir jaf min kienet il-maġistrat imsemmija u ċ-

[1] Aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K057.pdf.

ċirkostanzi l-oħra dwar il-konverżazzjoni in kwistjoni. Wara li din it-talba ġiet miċħuda mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Ilmentatur appella quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data. Il-Kummissarju imsemmi ċaħad dan l-appell.[2]

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

8. Dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Prim Ministru fl-20 ta' Ġunju 2023 sabiex jitolbu l-veduti tiegħu dwar iż-żewġ ilmenti hawn taħt konsiderazzjoni, b'riferenza għall-artikoli 5.8 u 5.9 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li huwa inkorporat fit-tieni skeda tal-Kap. 570. Dawn id-dispożizzjonijiet jgħidu hekk:

> *5.8 Ġustizzja u rispett – fl-imġiba tagħhom u deċiżjonijiet li jieħdu, il-Ministri għandhom juru rispett lejn l-istituzzjonijiet u għandhom jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż. Għandhom juru sens ta' bilanċ u qies billi jkunu sensittivi inġenerali lejn is-setturi kollha tas-soċjetà, kif ukoll b'mod partikolari lejn id-drittijiet u l-aspirazzjonijiet tal-persuni kkonċernati, sabiex b'hekk jimxu b'sens ta' ġustizzja.*
>
> *5.9 Tmexxija – il-Ministri għandhom iħaddnu u jkunu ispirati minn dawn il-valuri biex b'hekk imexxu bl-eżempju.*

9. L-Onor. Prim Ministru wieġeb permezz ta' ittra datata 19 ta' Lulju 2023 (annessa bħala d-**Dokument Ċ**). Huwa sostna li l-qrati għandhom iżommu f'moħħhom l-interess mhux biss tal-akkużat iżda wkoll tal-vittmi. Huwa rrifera għal editorjal ippubblikat mill-ġurnal *Times of Malta* fl-14 ta' Mejju 2023 li qajjem argument simili.[3] Il-Prim Ministru qal:

> *Illi l-ilment li jikkonċerna ksur tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ġudikanti jeżorbita bla dubju l-parametri ta' din l-indaġni, liema allegazzjoni, f'kull każ, hi waħda fiergħa għal kollox.*
>
> *Bl-istess mod hi frivola l-allegazzjoni fir-rigward tal-konversazzjoni li kelli ma' Maġistrat dwar sentencing policies li ma ġietx segwita l-proċedura stabbilita u li b'hekk inqast "milli nirrispetta l-integrità tal-ġudikatura".*

---

2 Ara https://idpc.org.mt/wp-content/uploads/2023/05/Decision_Notice_2023_6.pdf.

3 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/editorial-putting-brakes-road-anarchy.1031435.

*Id-diskussjoni kienet biss dwar il-ħidma u l-proċedura ġenerali fil-qrati penali tagħna u bl-ebda mod ma kienet speċifika fuq xi każ partikolari li kien qed jinstema' quddiem dan il-ġudikant jew xi ġudikant ieħor.*

10. Fid-9 ta' Jannar 2024 dan l-Uffiċċju reġa kiteb lill-Prim Ministru sabiex jitolbu informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi u l-kuntest tal-konverżazzjoni tiegħu mal-maġistrat. Il-Prim Ministru wieġeb fil-31 ta' Jannar 2024 (**Dokument D**). B'riferenza għall-artikolu 5.8 tal-kodiċi ta' etika ministerjali, huwa qal li ma tellaq ebda konverżazzjoni li setgħet tammonta għal xi diżrispett lejn l-istituzzjonijiet jew li mqar remotement ma setgħet tammonta għal xi ksur ta' xi liġi. Qal ukoll:

*Inċidentalment, il-Kodiċi ta' Etika* [tal-ġudikatura]*, li l-ilmentatriċi intenzjonalment tħalli barra parti illuminanti minnu, jitkellem ukoll dwar li hu useful and proper li jkun hemm djalogu bejn il-Bank tal-Ġudikatura u organi oħra tal-Istat, u mhux is-swar li l-ilmentaturi donnhom jippretendu li jtellgħu.*

*Insaqsi – suġġett ta' ġeneralità bħal ma huma l-pieni kif naxxenti mil-liġi penali – l-erogar tal-pieni in prim'istanza u fl-appell – l-iskorta tal-ġurisprudenza nostrali dwar il-pieni – ċertament bla ebda riferenza għal xi proċeduri pendenti, bla ebda riferenza għal reat speċifiku, bla ebda riferenza għal sentenza speċifika, bla ebda riferenza għal xi ġudikant jew xi Qorti, bla ebda riferenza lanqas għal xi epoka partikolari, imma bl-aktar mod ġenerali u wiesa' għal aspett li hu saħansitra fil-konsum u ta' interess pubbliku, għaliex naxxenti minn sentenzi li huma pubbliċi – iwassal għal xi ksur ta' xi kodiċi jew xi liġi?*

11. Fit-8 ta' Marzu 2024 dan l-Uffiċċju reġa' għamel talba simili lill-Prim Ministru. Il-Prim Ministru wieġeb fit-22 ta' Marzu 2024 (**Dokument E**) u qal:

*Filwaqt li nirreferi għall-korrispondenza preċedenti, ninfurmak illi ċ-ċirkostanzi tal-kliem kienu jirrientraw f'dak li ngħad mis-Sinjurija tiegħek fil-bran numru tnax (12) tad-deċiżjoni dwar l-ilment K/057 (ilment ta' GħSL) – mill-bidu ta' dan il-bran 12 sal-kliem "... xokkanti bħal dawn".*

12. Il-Prim Ministru qiegħed jirreferi għal paragrafu fir-rapport ta' dan l-Uffiċċju dwar il-każ K/057 (ara n-nota 1 fuq) li jgħid:

*Huwa minnu li d-diskors in kwistjoni jittrasmetti messaġġ li l-Qrati għandhom jagħtu sentenzi ħorox f'każi bħal dak indikat, izda s-*

*separazzjoni tal-poteri ma jfissirx li politikant ma jistax jikkummenta b'mod ġenerali dwar il-ġustizzja u fuq kollox jirrifletti l-opinjoni pubblika fuq inċidenti xokkanti bħal dawn* [...]

**Konsiderazzjonijiet**

13. Tajjeb wieħed jifhem li l-Kodiċi tal-Etika tal-Ġudikanti jorbot lill-ġudikanti u lil ħadd aktar. L-istess Kodiċi jorbot lill-ġudikanti biex ma jiddiskutu każi pendenti ma' ħadd, u għandhom ukoll ma jippermettux diskors simili fil-preżenza tagħhom. Id-dixxiplina fuq il-ġudikanti tista' tiġi eżerċitata biss mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Dan l-Uffiċċju għalhekk mhuwiex qiegħed biex jiddiskuti l-aġir tal-ġudikant, iżda biss dak tal-persuni indikati fl-artiklu 3 tal-Kap. 570. Għalhekk għall-fini tal-kompitu ta' dan l-Uffiċċju l-indaġni għandha tkun jekk l-Onor. Prim Ministru kisirx xi parti tal-Kodiċi tal-Etika applikabbli lilu.

14. F'dan il-każ hawn żewġ konsiderazzjonijiet opposti. Minn banda, ministri u deputati parlamentari m'għandhomx ikunu mxekkla fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom tal-libertà tal-espressjoni. Għal din ir-raġuni l-Kummissarju għall-Istandards preċedenti kien iddeċieda li ma kellux jinvestiga ilment dwar kummenti magħmula fil-pubbliku minn deputat parlamentari. Il-Kummissarju preċedenti kien qal: "*Whilst members of Parliament should express themselves in measured terms, as a general rule it is not for me to censor statements made by them on matters of public interest in the fulfilment of their role as representatives*."[4]

15. Mill-banda l-oħra, membru tal-eżekuttiv m'għandux jipprova jinfluwenza istituzzjoni indipendenti fil-qadi tad-doveri tagħha. Jekk jistax jitqies li ġara dan fil-każ preżenti jiddependi fuq il-kontenut tal-konverżazzjoni bejn il-Prim Ministru u l-maġistrat.

16. Il-fatti disponibbli jindikaw li fil-konverżazzjoni ma ssemma ebda każ partikolari. Fih innifsu, dak li ntqal ma jistax jitqies bħala attentat biex jinfluwenza l-ġudikatura. Huwa minnu li l-konverżazzjoni saret ftit wara li seħħ każ speċifiku li ħasad lil kullħadd, iżda m'hemmx rabta bejn il-konverżazzjoni u dan il-każ partikolari.

---

[4] Deċiżjoni datata 28 ta' Jannar 2022 li m'għandux jiġi investigat l-ilment nru 113.

17. F'dan il-kuntest wieħed għandu jikkunsidra s-sentenza tal-Qorti Kostitizzjonali fl-ismijiet **Pulizija vs Noel Arrigo** (29 ta' Ottubru 2003). Dan il-każ kien jittratta dwar diskors tal-Prim Ministru ta' dakinhar li kien relatat direttament ma' każ quddiem il-qrati. Minkejja dan, il-Qorti Kostituzzjonali kienet konvinta li "*is-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodiċi Kriminali jiġu skrupolożament osservati u applikati*", tant li għalkemm il-Qorti sabet ksur fid-drittijiet tal-imputati, ma ħassitx il-bżonn li tagħti rimedju. Għalhekk it-tragward ta' dak li jista' jitqies bħala influwenza mhux xierqa fuq il-ġudikatura huwa wieħed għoli, u ċertament ma ntlaħaqx f'dan il-każ.

18. Dan ma jfissirx li kuntatti informali bejn membri tal-eżekuttiv u membri tal-ġudikatura huma desiderabbli. Anki jekk fir-realtà jkunu innokwi, kuntatti bħal dawn iħallu lok għal dubji u suppożizzjonijiet dwar l-għan tagħhom, u dan eventwalment jista' jimmina l-kunfidenza pubblika fl-indipendenza tal-qrati. Għalhekk dan l-Uffiċċju ma jistax jaċċetta l-argument li membru tal-eżekuttiv ma jkun qed jagħmel xejn ħażin jekk ifittex kuntatt ta' dan it-tip ma' ġudikant, anki jekk ma jiġi diskuss ebda każ speċifiku. Kwalunkwe djalogu bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura għandu jsir permezz ta' mekkaniżmi uffiċjali.

19. Il-mod ta' kif bdiet il-konverżazzjoni jassumi importanza f'dan il-kuntest. Jekk bdiet b'riżultat ta' laqgħa għall-għarrieda bejn il-Prim Ministru u l-maġistrat, forsi waqt xi avveniment soċjali, tista' titqies innokwa. Mill-banda l-oħra, jekk waħda mill-partijiet għamlet kuntatt mal-oħra speċifikament biex tiddiskuti l-għoti tal-pieni kriminali, dan iqajjem domandi ta' natura etika. Kif diġà ntqal, mhux il-kompitu ta' dan l-Uffiċċju li jindaga dwar l-imġiba tal-ġudikanti, u għalhekk dan l-Uffiċċju jinteressah biss jekk kienx il-Prim Ministru li għamel kuntatt mal-maġistrat.

20. Dan l-Uffiċċju ma jistax jikkonkludi li kien hemm ksur ta' etika abbażi tal-informazzjoni li għandu disponibbli, iżda fid-dawl tal-fatt li l-Prim Ministru ma tax risposta ċara dwar iċ-ċirkostanzi tal-konverżazzjoni, lanqas ma hija meritata konklużjoni li ma kienx hemm ksur.

**Konklużjoni**

21. Għaldaqstant ma jirriżultax b'mod konklussiv la li kien hemm u lanqas li ma kienx hemm ksur ta' etika. Il-każ qiegħed jingħalaq fuq din il-bażi.

22. Kopji ta' dan ir-rapport se jintbagħtu lill-ilmentaturi, lill-Prim Ministru, u lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Se titqiegħed ukoll kopja fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 31 ta' Jannar 2023 lil-Professur Arnold Cassola. |
| Dokument B | Ittra datata 22 ta' Frar 2023 mingħand is-Sur Andrew Sciberras u s-Sur Andrew Drago f'isem l-Għaqda Studenti tal-Liġi. |
| Dokument Ċ | Ittra datata 19 ta' Lulju 2023 mingħand il-Prim Ministru Robert Abela. |
| Dokument D | Ittra datata 31 ta' Jannar 2024 mingħand il-Prim Ministru. |
| Dokument E | Ittra datata 22 ta' Marzu 2024 mingħand il-Prim Ministru. |

DOKUMENT A

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Re: Ilment mhux riċevut
**Date:** Tuesday, 31 January 2023 15:13:50
**Attachments:** image001.png
image001.png

---

Dina. Posibbli ma waslitx?

Ghaziz Direttur Polidano

Ghall-futur Kummissarju.
Tislijiet,

Arnold Cassola

Ghaziz Futur Kummissarju,

Ilbierah il-Prim Ministru Robert Abela stqarr li kellu konverzazzjoni privata ma' magistrat dwar is-sentenzjar fil-Qorti.
Il-ligi Maltija tiipprojbixxi kull komunikazzjoni privata mal- gudikatura dwar procedimenti fil-qorti.
Kull komunikazzjoni ghandha ssir ufficjalment, u tramite l-Prim Imhallef anki skont il-kodici ta' etika tal-gudikatura, art. 26.
Nitolbok ghalhekk tinvestiga dan l-abbuz ta' poter sfaccat da parti tal-Prim Ministru.

Nirringrazzjak u nselli ghalik,

Arnold Cassola

On Tue, 31 Jan 2023, 14:13 Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life, <charles.polidano@standardscommissioner.mt> wrote:

> Prof Cassola
>
> Ilbieraħ il-midja rrapportat li inti bgħatt ilment lil dan l-uffiċċju in konnessjoni ma' rimarki li għamel il-Prim Ministru dwar il-qrati. Madankollu, s'issa ma waslilna ebda ilment mingħandek dwar din il-materja. Napprezza kjarifika.
>
> Charles Polidano
>
> Direttur Ġenerali

DOKUMENT B

GĦSL
Għaqda Studenti tal-Liġi

L-Għaqda Studenti tal-Liġi
Room 219, Fakultà tal-Liġi,
Università ta' Malta, Msida

L-Erbgħa, 22 ta' Frar, 2023.

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika,
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta, VLT 1210

Għażiż Kummissarju,

Qegħdin niktbulek din l-ittra in vista ta' Artikolu 13(1)(b) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kapitolu 570 tal-Liġijiet ta' Malta. Regola 5.8 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari tipprovdi illi "fl-imġiba tagħhom u deċiżjonijiet li jieħdu, il-Ministri għandhom juru rispett lejn l-istituzzjonijiet u għandhom jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż. Għandhom juru sens ta' bilanċ u qies billi jkunu sensittivi inġenerali lejn is-setturi kollha tas-soċjetà, kif ukoll b'mod partikolari lejn id-drittijiet u l-aspirazzjonijiet tal-persuni kkonċernati, sabiex b'hekk jimxu b'sens ta' ġustizzja."

Illi l-Onorevoli Prim Ministru Robert Abela, f'diversi okkażjonijiet li se jiġu elenkati aktar 'l isfel, għamel kummenti fuq ċertu kawża li għadha *sub judice*, liema kummenti jistgħu jinfluenzaw dawk li eventwalment se jieħdu deċiżjoni. Tajjeb li jingħad illi f'proċedura ta' ġuri, l-imħallfin tal-fatt huma nies komuni, u li jistgħu jkunu vulnerabbli għal dawn il-kummenti. Tajjeb ukoll li wieħed jiftakar illi anke jekk dan mhux il-każ, xorta waħda jiddaħlu dubbji fl-imħuħ tal-poplu. Kif dejjem jiġi ripetut, l-ġustizzja għandha mhux biss ssir, imma tidher li qed issir.

Fl-ewwel istanza ġie rrapurtat fil-ġurnal Times of Malta fit-22 ta' Jannar 2023, fejn il-Prim Ministru qal:

> *"Meta tara każ bħal dak ta' nhar l-Erbgħa* (b'referenza għall-omiċidju tas-Sinjura Kaya Pelin) *iqajjem fik rabja, rabja għaliex dawn huma attitudnijiet, azzjonijiet li ma jirrispettawx dak li jemmen fih pajjiżna, rajna episodju li xxokjana, u għalhekk nistenna illi l-qrati tagħna, bla ma nikkumenta, għax ma nistax għax kieku nikkumenta, fuq il-każ partikolari, nistenna li l-qrati tagħna jkunu sodi, nistenna li jkunu sodi, sodi f'kull fażi tal-proċess, kemm fl-ipproċessar tal-ħelsien mill-arrest, kemm fl-ipproccessar tal-ġbir tal-provi, kemm fl-għoti tal-eventwali sentenza, dak huwa li qed jistennew in-nies tagħna."* (sottolinear tagħna). Tajjeb li wieħed jirrimarka illi l-Prim Ministru, minkejja li pjenament jaf li ma jistax jikkumenta, kif qal aktar 'il fuq xorta waħda pproċeda billi jikkumenta fuq il-każ *sub judice.*"

Fit-tieni istanza ġie rrapurtat fl-istess ġurnal Times of Malta fit-23 ta' Jannar 2023 fejn l-Prim Ministru qal:

> *"Nistenna illi l-qrati tagħna jagħtu messaġġ ċar partikolarment bil-proċess tal-ħelsien mill-arrest, f'dal każ u f'kull każ ieħor, kif ukoll fl-eventwali sentenzi, illi min mhux kapaċi jgħix ġewwa soċjetà b'mod diċenti u min mhux kapaċi jirrispetta l-valuri bażiċi tal-poplu Malti u min irid jfixkel is-sens ta' sigurtà f'pajjiżna, hemmhekk il-Qrati jridu jibgħatu messaġġ u li huwa messaġġ ċar ħafna."* Din il-kwotazzjoni kienet dwar l-istess każ tas-Sinjura Kaya Pelin"

Illi jista' jkun hemm bżonn diskussjoni rigward is-*sentencing policies*, u l-leġislatur huwa fil-pożizzjoni li jagħmel dan billi jgħaddi liġijiet, iżda mhuwiex aċċettabli illi kummenti dwar każijiet *sub judice* jiġu preġudikati b'dawn ir-rapporti fil-midja. Dawn il-kummenti jistgħu jippreġudikaw il-preżunzjoni tal-innoċenza, kif wieħed jara meta jeżamina l-kawża ta' **Il-Pulizija vs Dr Noel Arrigo et**[1], fejn il-Qorti qalet illi wara li l-

[1] 22/2002/1 *Il-Pulizija vs Dr Noel Arrigo u Dr Patrick Vella*, Qorti Kostutizzjonali 29 Ottubru 2003.

Prim Ministru ta' dak iż-żmien għamel konferenza stampa rigward il-każ fuq ċitat, il-Qorti kkonkludiet illi ġie leż id-dritt fundamentali tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Illi l-istess ħaġa qiegħda ssir hawnhekk.

Qiegħed jiġi osservat minna illi dawn il-kummenti mhux biss jippreġudikaw il-każ pendenti, iżda huma intrużjoni fuq il-prinċipju tas-*separation of powers*, fejn il-Prim Ministru bħala avukat, jaf ben tajjeb dwar il-prinċipji fundamentali fuq elenkati, ipproċeda billi jassumi fuqu nnifsu poter li huwa vestit biss fil-Qrati tagħna. Dan mhuwiex kompatibbli mad-dekor, id-dinjita, u l-unur tal-professjoni tal-avukatura, speċjalment meta l-istess avukat jokkupa l-kariga tal-ogħla membru tal-eżekuttiv.

Ġie wkoll irrapurtat fid-29 ta' Jannar 2023 illi l-Prim Ministru tkellem ma' Maġistrat mhux mgħaruf, dwar il-pieni kriminali, u l-allegat tendenza li l-istess pieni jiġu mnaqqsa fl-istadju tal-appell, u l-bżonn li s-sentenzi jkunu aktar ħorox. Biex nikwotaw eżatti dak li qal, il-Prim Ministru qal is-segwenti:

> *"dil-ġimgħa kelli okkażjoni nitkellem ma' Maġistrat, li qaltli vera, il-qafas ta' liġijiet preżenti jippermettielna illi nistgħu nagħtu pieni baxxi jew pieni għoljin għar-reat partikolari, imma r-realtà turina illi meta nagħtu piena għolja allavolja l-liġi tippermettielna li nagħtu piena għolja, imbagħad jappellawlek, jmorrulek quddiem il-Qorti tal-Appell, u ċ-ċansijiet huma li l-Qorti tal-Appell tnaqqaslek il-piena għaliex hemm policies, jew hemm sentenzi passati illi jimmilitaw illi l-piena ma jkunx daqshekk għolja"*

Illi bħala avukat, l-Prim Ministru jaf ben tajjeb il-Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti, li tipprovdi f'Regola 26 illi *"l-Ġudikanti ma għandhomx jikkomunikaw privatament ma' membri ta' l-eżekuttiv dwar kwalunkwe suġġett li għandu x'jaqsam mad-doveri u l-funzjonijiet tagħhom jekk mhux bl-intervent jew wara konsultazzjoni espressa mal-Maġistrat l-aktar anzjan u/jew mal-Prim Imħallef."*

Aħna m'aħniex infurmati li l-Maġistrat in kwistjoni ġab dal-permess, u għalhekk bid-diskors li l-Prim Ministru kellu mal-Maġistrat in kwistjoni, injora il-provedimenti tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti, li wkoll hija leżjoni tar-regola 5.8 tal- Kodiċi ta' Etika

Room 219, Faculty of Laws, University of Malta, Msida
Telephone: 2340 2154 E-mail: info@ghsl.org Website: ghsl.org

għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari għaliex naqas milli jirrispetta l-integrita tal-ġudikatura.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Għaqda Studenti tal-Liġi tixtieq illi proċeduri jinbdew fil-konfront tal-ilmenti fuq imsemmija.

Nistennew risposta bil-ħerqa.

Andrew Sciberras
President

Andrew Drago
Uffiċjal tal-Politka

Room 219, Faculty of Laws, University of Malta, Msida
Telephone: 2340 2154 E-mail: info@ghsl.org Website: ghsl.org

DOKUMENT Ċ

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

19 ta' Lulju 2023

Prim Imħallef Emeritus Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta,
VLT 1210

Sur Kummissarju,

**Ilmenti 139 u 144 – Diskussjoni dwar**
***sentencing policies* ma' membru tal-ġudikatura**

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 20 ta' Ġunju 2023 dwar l-ilmenti fuq imsemmija.

L-ilmenti li tressqu huma infondati u mhux ġustifikati peress illi:

1. Huwa inkonċepibbli, kif hawn min qed jippretendi, kif jien fl-irwol oneruż tiegħi ta' Prim Ministru, ma nikkumentax pubblikament, tlett ijiem biss wara li seħħ reat tant xokkanti ta' omiċidju u reati oħrajn, fuq tfajla barranija residenti f'pajjiżna. Kif stajt ma nikkumentax u ma nesprimiex ċensura qawwija, nuri dieqa u rabja li kienet bir-raġun kollu riflessa fis-setturi kollha tas-socjeta' tagħna? Kont mhux biss nonqos fid-doveri tiegħi imma nuri insensittivita' kbira li kieku injorajt, daqs li kieku qatt ma seħħ, dan l-inċident atroċi li ma jirrifletti xejn il-valuri li jħaddan b'għożża l-poplu tagħna u s-sens ta' sigurta' li kull min jgħix f'pajjiżna għandu dritt għalih.

2. Illi jirriżulta, minn dak stess kif irrappurtat, illi jien ma kkumentajtx fuq l-imsemmi każ *sub judice*, anzi **espressament** għidt "*bla ma nikkumenta, għax ma nistax għax kieku nikkumenta, fuq il-każ partikolari*". Għalhekk huwa għal kollox skorret l-ilment bażat fuq li b'diskorsi jien ikkumentajt fuq il-każ *sub judice* u b'hekk intralċjajt fuq il-jedd għal preżunzjoni tal-innoċenza tal-akkużat. Ninnota li lanqas min, jekk xejn kellu interess, ma qanqal dan l-ilment, għax fil-fatt ma teżisti l-ebda leżjoni.

   Huwa inkwetanti kif id-diskors li għidt qed jitgħawweġ u jingħata din it-tifsira xejn ġenwina minn min messu jaf ferm aħjar. Ġie ċitat il-każ "*Il-Pulizija vs Dr Noel Arrigo et*" fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet iċċensurat u sabet lil Prim Ministru ta' dak iż-żmien, responsabbli li kien kiser id-dritt fundamentali tal-preżunzjoni ta' l-innoċenza tal-ġudikanti (li kienu akkużati) meta f'konferenza stampa kien iġġudika, u b'hekk ippreġudika, lil dawk il-ġudikanti meta stqarr espressament li kien irriżultalu li dawn kienu rċivew flus biex inaqqsu l-piena lil akkużat fi stadju ta' appell li kien pendenti quddiemhom. Dan ċertament m'għandu x'jaqsam xejn ma dak li għidt jien. Huwa għalhekk ferm gratwitu li tilmenta "*illi l-istess ħaġa qiegħda ssir hawnhekk*".

3. Id-diskorsi tiegħi kif jixhdu r-rappurtaġġi kienu dejjem meqjusin bi kliem xieraq u ta' rispett lejn il-Qrati tagħna biex tul il-proċess kollu tal-każ li jkollhom quddiemhom

iżommu f'moħħhom l-interessi mhux biss tal-akkużat iżda wkoll tal-vittmi tal-inċident u tas-soċjeta' inġenerali. Illi għandhom jużaw id-diskrezzjoni tagħhom biex fejn jirriżultalhom li għandhom jingħataw pieni ħorox dawn għandhom jingħataw. Jien ma nixtieqx nara editorjali bħal dak li qed jiġi anness ma' din l-ittra intitolat "***Putting the brakes on road anarchy"*** (Dokument A) fejn fost l-oħrajn jingħad illi "*a classical example of a court failing society and sending the wrong message to road demons*". Il-Qrati tagħna għandhom ikunu sensittivi biżżejjed u jibagħtu messaġġi fis-sentenzi tagħhom li ma tistax teħlisha ħafif meta tqiegħed il-ħajja tan-nies fil-periklu jew li tpoġġi s-sens ta' sigurta' ta' pajjiżna f'dubju. Dan jien fid-dmir li nissalvagwardjah.

4. Illi l-ilment li jikkonċerna ksur tal-Kodiċi ta' l-Etika għall-Ġudikanti jeżorbita bla dubju l-parametri ta' din l-indaġni, liema allegazzjoni, f'kull każ, hi waħda fiergħa għal kollox.

   Bl-istess mod hi frivola l-allegazzjoni fir-rigward tal-konversazzjoni li kelli ma Maġistrat dwar *sentencing policies* li ma ġietx segwita l-proċedura stabbilita u li b'hekk inqast "*milli nirrispetta l-integrita' tal-ġudikatura*".

   Id-diskussjoni kienet biss dwar il-ħidma u l-proċedura ġenerali fil-qrati penali tagħna u bl-ebda mod ma kienet speċifika fuq xi każ partikolari li kien qed jinstema' quddiem dan il-ġudikant jew xi ġudikant ieħor.

   L-Għaqda ilmentatriċi, għar-raġunijiet tagħha qiegħda żlejalment tgħawweġ id-diskussjoni tiegħi bħala "intrużżjoni fuq il-prinċipju tas-*separation of powers*". L-ilmentatriċi messha taf, jew messha tkun taf, li l-kunċett bażilari li fuqu hu msejjes il-prinċipju tal-qasma tal-poteri hu li kull waħda mill-branki indipendenti tal-istat iservu ta' *checks and balances* għal xulxin, bil-għan li kull waħda minnhom twettaq il-ħidma tagħha adekwatament u konformement mal-liġi. Dan pero' ma jfissirx li f'soċjeta' demokratika jkollok sitwazzjoni fejn il-branki tal-istat, filwaqt li indipendenti minn xulxin jaħdmu f'iżolament, flok id f'id ma' xulxin – fost oħrajn billi ma jiddiskutux bejniethom fuq livell ġenerali dwar il-ħidma rispettiva tagħhom. Dan hu kruċjali li jsir biex ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ branki tal-istat tinżamm ħajja u b'saħħitha, kontra kull xenarju perikoluż fejn dawn iż-żewġ fergħat jispiċċaw joperaw kull waħda bħala stat għaliha. Xenarju bħal dan jimmina u mhux issaħħaħ is-separazzjoni tal-poteri u governanza tajba.

   Minn dankollu għandu joħrog ċar illi fil-qadi tad-doveri tiegħi bħala Prim Ministru jiena dejjem aġixxejt b'sens ta' ġustizzja u rispett u fi kliemi żammejt sens ta' bilanċ u qies fl-interess tas-setturi kollha tas-soċjeta' tagħna u fil-ħarsien tad-drittijiet ta' terzi. Dan b'konformita' sħiħa mad-dispożizzjonijiet 5.8 u 5.9 tal-Kodiċi ta' Etika' għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, kif anness fit-tieni skeda tal-Kapitolu 570 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Filwaqt li nibqa' dejjem għad-dispożizzjoni tiegħek f'każ li jkun hemm bżonn ta' xi kjarifika, nirringrazzjak u inselli għalik.

Robert Abela

TIMES OF MALTA

# Editorial: Putting the brakes on road anarchy

If enforcement has always been essential, it has now become critical

Opinion | Editorial | Accident | Court | Transport

14 May 2023 | Times of Malta | 12

3 min read




Courts should be more strict with their sentences when road safety is concerned. Photo: Chris Sant Fournier

…s finger-pointing and buck-passing ensue, lives and limbs continue to be lost on our roads.

Figures just released by the National Statistics Office show there were more traffic accidents in the first quarter of this year than the same period in 2022, though there were less fatalities.

In some cases, the recklessly irresponsible human element features prominently, as in the brutal death of Pelin Kaya, who was killed by a man on drugs shortly after cutting her 30th birthday cake last January.

That same element struck again last weekend when two Pakistani nationals on a bike died in a collision with a car driven by a man who, according to court testimony, had alcohol and drugs in his system.

The next day, *Times of Malta* reported the despair of a family of a pedestrian, who ended up severely disabled after being hit by a taxi, whose speeding driver walked away with a slip on the wrist.

The 50-year-old bank manager had just arrived for dinner with a friend when, as she walked on a zebra crossing, she was hit by the taxi doing 110 kilometres an hour. Its driver was then aged 20 and had drug problems.

Still, the presiding magistrate opted to be lenient, citing the driver's age and drug problem.

This was a classic example of a court failing society and sending the wrong message to road demons.

> *At the end of the day, the application of these penalties falls on our courts*

To the ordinary law-abiding citizen, justice was not done. Although the courts should not reflect public opinion, they must not indirectly send messages that you can get off lightly

when blatantly putting the lives of others in danger.

The justice minister was correct when he commented that while the government was ensuring penalties reflect the realities and consequences, including when it comes to traffic, “at the end of the day, the application of these penalties falls on our courts”.

The prime minister then took up the cause with more directness, questioning whether the judiciary is applying sentences that reflect the grave outcomes of traffic accidents.

The bureau to investigate serious road accidents, promised by the end of this year, may help prevent future ones, as could raising the fines for dangerous driving. But this is only part of the solution. Harsh penalties can only serve as a deterrent if all the rules are scrupulously enforced and infringements properly punished.

While mercy is an aspect of justice, overly lenient sentences only accentuate the lethargy of the authorities in dealing with the issue of road safety, or the lack of it.

Stiffer penalties for traffic offences on paper are only one step in the right direction, as Adrian Galea, director general of the Malta Insurance Association, has acknowledged.

Road safety is a complex issue requiring a multifaceted approach, he argues. The most pressing issue “is the need for better enforcement of traffic regulations”.

It is glaringly obvious that the enforcement of traffic rules and regulations needs to get far more serious.

Effective enforcement encourages responsible behaviour and safe practices on roads, gradually contributing to a culture of safety. Sadly, most road educational campaigns have failed, so there is no choice but to come down tough on lawbreakers.

Too many people are still getting maimed, even killed because of too many road cowboys. If enforcement has always been essential, it has now become critical.

DOKUMENT D

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

31 ta' Jannar 2024

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Ħarsien tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Ilmenti 139 u 144**

Għażiż Sur Prim Imħallef Emeritu,
Sur Kummissarju,

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 9 ta' Jannar 2024 dwar il-fuq citat.

L-ilmenti huma kkunsidrat mis-Sinjurija tiegħek fid-dawl tal-Kodiċi tal-Etika para. 5.8 u 5.9, u għalhekk iridu jirrientraw fil-parametri stretti tal-istess.

Għar-rigward il-para 5.8 ngħid :

1) Li urejt rispett sħiħ f'kull waqt u f'kull ħin lejn l-istituzzjonijiet, u li ma tellaqt ebda konversazzjoni li tista' tammonta għal xi diżrispett lejn l-istess;
2) Irrispettajt fis-sħiħ il-liġijiet tal-pajjiż billi ma tellaqt ebda konversazzjoni li mqar remotement, l-anqas bl-akbar tiġbid tal-immaġinazzjoni, ma tista tammonta għal xi ksur ta' xi liġi, minn naħa jew minn oħra.

In kwantu ssir riferenza għall-Kodici tal-Etika tal-ġudikatura mill-għaqda ilmentatrici, inżid li dan għalkemm jemani mill-Kostituzzjoni m'huwiex liġi; inżid ukoll li japplika biss għall-membri tal-ġudikatura; u li f'kull każ ma tellaqt ebda konversazzjoni li tista' imqar remotament tinduċi lil xi ġudikant lejn ksur tal-istess.

Inżid ukoll li tant huma frivoli u malintenzjonati l-ilmenti, li l-Istituzzjoni adebita mill-osservanza u ħarsien tal-Kodiċi tal-Etika tal-Ġudikanti, ma inizjat ebda proċedura dwar xi allegat ksur tal-istess, safejn hu magħruf.

Inċidentalment, il-Kodiċi tal-Etika, li l-ilmentatrici intenzjonalment tħalli barra parti illuminanti minnu, jitkellem ukoll dwar li hu ***useful and proper*** li jkun hemm djalogu bejn il-Bank tal-Ġudikatura u organi oħra tal-Istat, u mhux is-swar li l-ilmentaturi donnhom jippretendu li jittellgħu.

Insaqsi – suġġett ta' ġeneralita' bħal ma huma l-pieni kif naxxenti mill-liġi penali - l-erogar tal-pieni in prim'istanza u fl-appell - l-iskorta tal-ġurisprudenza nostrali dwar il-pieni – ċertament bla ebda riferenza għal xi proċeduri pendenti, bla ebda riferenza għal reat speċifiku, bla ebda riferenza għal sentenza speċifika, bla ebda riferenza għal xi ġudikant jew xi Qorti, bla ebda riferenza lanqas għal xi epoka partikolari, imma bl-aktar mod ġenerali u wiesa' għal aspett li hu saħansitra fil-konsum u ta' interess pubbliku, għax naxxenti minn sentenzi li huma pubbliċi – iwassal għal xi ksur ta' xi kodiċi jew ta' xi liġi?

Il-paragrafu 5.9 tal-Kodiċi tal-Etika hu l-korollarju (jew isegwi) l-para. 5.8, u konsegwentement, irrispettat *in toto* minni. L-integrita' tal-ġudikatura ġiet dejjem u f'kull ħin irrispettata fis-sħiħ.

Inselli għalik.

**Robert Abela**

DOKUMENT E

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

22 ta' Marzu 2024

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Ħarsien tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Ilmenti 139 u 144**

Għażiż Sur Prim Imħallef Emeritu,
Sur Kummissarju,

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 8 ta' Marzu 2024 dwar il-fuq ċitat.

Filwaqt li nirreferi għall-korrispondenza preċedenti, ninfurmak illi c-cirkostanzi tal-kliem kienu jirrientraw f'dak li ngħad mis-Sinjurija tiegħek fil-bran numru tnax (12) tad-deċiżjoni dwar l-ilment K/057 (ilment ta' GĦsl) – mill-bidu ta' dan il-bran 12 sal-kliem *".....xokkanti bħal dawn"*.

Inselli għalik.

**Robert Abela**